# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026.**

**Numru: 3**

**Rikors numru: 428/2022/1 LM**

**Arthur Ciantar fil-kapaċità tiegħu ta' President tal-Malta Association for Professional Engineers (RTU No. 311)**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat, L-Onor. Prim Ministru,**
**Is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru,**
**Il-Ministru Ian Borg, Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali,**
**u l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur *nomine* mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fit-12 ta' Frar 2025 u li biha ċaħdet it-talba tal-attur *nomine* sabiex tiddikjara null u bla effett l-Att XLVIII tal-2021, permezz ta' liema

ġie emendat l-Att dwar l-Inġiniera (Kap. 321). Talba li huwa bbaża fuq il-premessa li dak l-Att allegatament għadda mill-Parlament mingħajr ma ġew osservati l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv.

2. Fl-appell l-attur *nomine* jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx li:

i. Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera (li bis-saħħa tal-emendi in kwistjoni sar il-Bord tal-Inġiniera) [minn hawn 'l quddiem "il-Bord"] kien inibit milli jippreżenta jew jippromwovi dawk l-emendi u milli jgħaddi kwalsiasi eżitu lill-Parlament ta' Malta; u

ii. Konsegwenza tal-fatt illi l-imsemmi Bord kien hekk inibit, il-Ministru konvenut u l-Parlament ma setgħux ikomplu għaddejjin bil-proċess leġislattiv.

**<u>Il-Fatti</u>**

3. Il-fatti prinċipali huma dawn:

3.1. Fit-18 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni Ewropea bdiet *infringement proceedings inter alia* kontra Malta '*for lack of*

*compliance with the Services Directive in the area of regulated professions'*[1];

3.2. Għalhekk, ingħatat direzzjoni politika sabiex *inter alia* jsiru l-emendi neċessarji fl-Att dwar l-Inġiniera (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta);

3.3. Għal dak il-għan kien hemm ħidma konġunta bejn Lucienne Meilak, Direttur (Żvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programm) fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera u l-Kamra tal-Inġiniera[2];

3.4. Din tal-aħħar kienet imwaqqfa fl-1978 u reġistrata bħala *volountary organisation* awtonoma[3];

3.5. Matul il-Konferenza Annwali tal-Kamra tal-Inġiniera li seħħet fil-25 ta' Mejju 2017, Lucienne Meilak kienet mistiedna tagħti spjegazzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm bidliet fil-liġi. L-Inġ. Arthur Ciantar, illum president tal-Assoċjazzjoni attriċi, kien preżenti[4];

[1] Fol. 76, 440, 559.
[2] Fol. 440.
[3] Fol. 447.
[4] Fol. 440.

3.6. F'Ottubru 2017 Dr. Noel Camilleri nħatar Chairman tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera u ssokta bil-ħidma fuq l-emendi in kwistjoni b'konsultazzjoni regolari u kostanti mal-professjoni permezz tal-Kamra tal-Inġiniera[5];

3.7. F'Jannar 2019 kien ġie ngaġġat Dr. Simon Cachia sabiex ikompli jaħdem fuq dawk l-emendi[6]. Lucienne Meilak xehdet li kienet għaddietlu l-abbozz li kellha dak iż-żmien[7];

3.8. Fl-1 ta' Ġunju 2019 il-Kamra tal-Inġiniera għamlet laqgħa ġenerali urġenti sabiex *inter alia* tiddiskuti l-emendi mal-Membri tagħha[8];

3.9. Madwar xahar wara twaqqfet l-Assoċjazzjoni attriċi bħala *trade union* biex tirrappreżenta l-interessi tal-Inġiniera f'Malta[9];

3.10. Fis-27 ta' Lulju 2019 il-Kamra tal-Inġiniera ssoktat b'laqgħa ġenerali oħra[10];

[5] Fol. 443.
[6] Fol. 443.
[7] Fol. 440.
[8] Fol. 448, 459.
[9] Fol. 315 *overleaf.*
[10] Fol. 448, 460, 461.

3.11. Fis-6 ta' Awwissu 2019 l-Assoċjazzjoni talbet laqgħa mal-*Engineering Profession Board* sabiex *inter alia* jiġu diskussi l-emendi li kienu qed jiġu proposti li jsiru fil-Kap. 321[11]. B'ittra datata 17 ta' Awwissu 2019 talbet ukoll lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali sabiex jgħaddilha kopja tal-abbozz tal-emendi li kienu qed jiġu diskussi[12]. L-attur *nomine* jgħid li huwa talab kopja tal-abbozz ta' emendi wkoll mingħand il-Bord[13];

3.12. F'laqgħa li saret f'Ottubru 2019 kien hemm qbil li l-Bord kellu jibgħat lill-Assoċjazzjoni kopja tal-abbozz tal-emendi li kienu qed jiġu diskussi[14];

3.13. Effettivament, b'ittra datata 5 ta' Novembru 2019[15], il-Bord tal-*Engineering Profession* għadda kopja tal-abbozz[16] lill-Assoċjazzjoni u talab għall-kummenti tagħha sad-29 ta' Novembru 2019;

3.14. Dr. Noel Camilleri xehed illi, fid-dawl tal-fatt li dawk id-dokumenti kienu *work in progress*, huwa kien talab lill-Assoċjazzjoni attriċi żżomm dawk id-dokumenti kunfidenzjali.

[11] Fol. 130 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.
[12] Fol. 131.
[13] Fol. 47.
[14] Fol. 443.
[15] Fol. 78.
[16] Fol. 79 *et seq.*

Madankollu, ftit ġimgħat wara dawk id-dokumenti tpoġġew fuq il-meżżi soċjali tal-MAPE[17];

3.15. Fil-15 ta' Novembru 2019 il-Kamra tal-Inġiniera organizzat Seminar Konsultattiv[18];

3.16. B'ittra datata 19 ta' Novembru 2019, l-Assoċjazzjoni ddikjarat li ma taqbilx mal-abbozz mibgħut lilha mill-Bord u talbitu li ssir konsultazzjoni dwar il-kwistjoni.[19] Fl-istess ġurnata l-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera ħareġ *press release* dwar id-diskussjoni li kienet għaddejja dwar l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Att tal-Professjoni tal-Inġiniera[20];

3.17. Fit-3 ta' Diċembru 2019[21] il-Kamra tal-Inġiniera sejħet laqgħa ġenerali oħra. Din, kif ukoll il-laqgħat / seminar preċedenti, kienu miftuħin għall-membri tal-professjoni kollha, anke dawk li ma kinux membri ta' Chamber of Engineers[22], u fil-fatt *inter alia* attendew għalihom l-attur *nomine* u membri oħra tal-Assoċjazzjoni attriċi[23];

[17] Fol. 444.
[18] Fol. 449, 463.
[19] Fol. 133 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.
[20] Fol. 7 tal-atti tal-Mandat 1430/2020.
[21] Fol. 464, 489 *et seq*.
[22] Fol. 488.
[23] Fol. 456.

3.18. B'ittra datata 21 ta' Diċembru 2019 l-Assoċjazzjoni talbet lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera jgħaddilha kopja tar-rakkomandazzjonijiet li sarulha mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea[24];

3.19. L-Assoċjazzjoni qalet li peress li baqgħet mingħajr tweġiba u l-konsultazzjoni minnha mitluba ma saritx, hija pproċediet billi ppreżentat protest ġudizzjarju u tilwima industrijali[25];

3.20. B'ittra datata 21 ta' Jannar 2020, il-Kamra tal-Inġiniera bagħtet tinforma lill-*Competition DG* fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea bil-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi in kwistjoni[26];

3.21. Fl-20 ta' Mejju 2020 saret laqgħa bejn l-Assoċjazzjoni, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru konċernat, iċ-*Chairman* u d-*Deputy Chairman* tal-Bord u c-*Chairman* u d-*Deputy Chairman* u membri oħra tal-FORUM u kien ġie maqbul ftehim dwar konsultazzjoni. B'hekk, l-Assoċjazzjoni attriċi rtirat it-tilwima industrijali[27];

---

[24] Fol. 135 tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.
[25] Fol. 136 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.
[26] Fol. 465 *et seq*.
[27] Fol. 47 u fol. 146 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.

3.22. Fid-29 ta' Mejju 2020 kien promulgat l-Att XXV tal-2020 biex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet;

3.23. F'Lulju 2020 Lucienne Meilak tgħid li rċeviet draft tal-emendi mingħand il-Bord kif maqbula mal-Kamra tal-Inġiniera[28]. Hija għamlet xi suġġerimenti u bagħtithom lura liċ-*Chairman* Dr. Noel Camilleri għan-nom tal-Bord[29];

3.24. Fis-7 ta' Awwissu 2020 Dr. Noel Camilleri nforma lill-Lucienne Meilak li l-Bord, bi qbil mal-Kamra tal-Inġiniera, kien aċċetta ħafna mis-suġġerimenti tagħha u ta' Dr. Gaynor Saliba, Kap tal-Unit Legali fi ħdan is-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea. L-abbozz ġie għalhekk emendat biex jirrifletti s-suġġerimenti li kienu ġew milqugħa u l-verżjoni konsolidata ġiet mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea. Safrattant, beda jitħejja x-xogħol biex, malli tasal il-konferma tal-Kummissjoni, l-istess jintbagħat lill-Kabinet[30];

---

[28] Ara ukoll fol. 454 u fol. 477 fejn il-Kamra tal-Inġiniera kkomunikat mal-Membri tagħha illi l-*concerns* oriġinali tagħha kienu ġew indirizzati mill-*Engineering Professions Board*.
[29] Fol. 440, kif konfermat minn Dr. Noel Camilleri a fol. 444.
[30] Fol. 440.

3.25. L-attur *nomine* ddikjara li minkejja l-ftehim li kellha ssir konsultazzjoni, dan baqa' ma sarx[31]. Għalhekk, fil-15 ta' Ottubru 2020 l-Assoċjazzjoni ppreżentat Mandat ta' Inibizzjoni kontra: [1] Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [2] L-Av Dr Noel Camilleri bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [3] Ing. Brian Micallef; [4] Ing. Samuel Bonanno; [5] Ing. Fabio Stivala; [6] Dr. Ing. Fabri Simon; [7] Ing. Schembri Robert; [8] Ing. Keith Chetcuti sabiex:

> *"... żżomm lill-Bord intimat kif ukoll lill-initmati individwalment, milli jirrilaxxa/w u/jew jippreżenta/w u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi/u l-emendi li l-Bord intimat ħadem fuqhom għal dawn l-aħħar snin in konnessjoni mal-Att Dwar il-Professjoni tal-Inġinerija [Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta] u li bi ħsiebu jressaq quddiem il-Parlament tar-Repubblika ta' Malta, tramite l-Ministeru konċernat …"*

3.26. Fil-15 ta' Ottubru 2020 il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament u appuntat il-każ għas-smigħ għas-26 ta' Ottubru 2020;

3.27. Tlieta mill-intimati membri tal-Bord, li kienu ġew eletti fl-aħħar ta' Awwissu 2020 u maħtura uffiċjalment fl-4 ta' Settembru 2020, ressqu tweġiba konġunta fejn, filwaqt li ma qablux mal-pożizzjoni tal-Bord, sostnew li huma jaqblu li l-emendi proposti huma ta'

[31] Fol. 1 *et seq*, fol. 45 *et seq*. fol. 315 *overleaf.*

theddida serja għall-professjoni tagħhom u għalhekk jaqblu li jintlaqa' l-mandat ta' Inibizzjoni[32];

3.28. B'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru 2020, il-Qorti:

> *"Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt.*
>
> *Spejjeż għandhom ikunu a kariku ta' l-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija biss."*

3.29. Fid-19 ta' Novembru 2020 l-Assocjazzjoni attriċi pproċediet bil-kawża 1091/2020 MH kontra l-Bord u l-Membri tiegħu fejn sostanzjalment talbet lill-Qorti tiddikjara li l-Bord u/jew il-Membri tiegħu naqsu milli jaderixxu ruħhom mal-Att XXV tal-2020, tikkundannahom għall-istess allegat nuqqas, tillikwida d-danni minnha sofferti relattivi għal dak in-nuqqas u tordnalhom iħallsuha d-danni hekk likwidati[33];

3.30. Fil-11 ta' Diċembru 2020 l-MAPE ipproċediet imbagħad b'talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ieħor kontra: [1] Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [2] L-Av Dr Noel Camilleri *qua Chairperson* tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [3] Ing. Brian Micallef; [4] Ing. Samuel Bonanno; [5] Ing. Fabio Stivala; [6] Dr. Ing.

---

[32] Fol. 20 *et seq* tal-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru. 1430/2020.

[33] Preżentement differita għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti għas-seduta tat-18 ta' Marzu 2026.

Fabri Simon; [7] Ing. Schembri Robert; [8] Ing. Keith Chetcuti (Rikors Nru. 1751/2020 TA) fejn ittentat twaqqaf lill-intimati milli:

> *"japprova l-korsijiet tal-Inġiniera tal-MCAST inkluż pre-warrant qualification course (PWQC) li jwassal sabiex il-gradwati minn dawn il-korsijiet sal-lum ikkunsidrati mankanti u defiċjenti f' diversi oqsma, jkunu jistgħu japplikaw għall-ħruġ ta' warrant biex jipprattikaw ta' engineer mingħajr verament żammet proċess ta' konsultazzjoni hekk kif stipulat fl-ATT XXV tal-2020, mal-enġiniera professjonali hekk kif rappreżentati mill-Union esponenti li f' Malta u f' Għawdex huma sostanzjalment numerużi."*

3.31. B'digriet mogħti fil-5 ta' Jannar 2021 il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat (Rik. Nru. 1751/2020) għar-raġuni illi: (i) l-Bord u ċ-Chairman intimati ma għamlu ebda dikjarazzjoni bħal dik meħtieġa fl-artikolu 873(3) tal-Kap. 12; u għaliex il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), li seta' jiġi affettwat bil-mandat, ma ġiex imħarrek;

3.32. Fil-25 ta' Jannar 2021 l-Assoċjazzjoni fetħet kawża oħra (numru 52/2021MS) kontra l-Bord u l-Membri tiegħu fejn talbet lill-Qorti tiddikjara li l-Bord u/jew il-Membri tiegħu naqsu milli jaderixxu ruħhom mal-Att XXV tal-2020, tikkundannahom għall-istess allegat nuqqas, tillikwida d-danni minnha sofferti relattivi għal dak in-nuqqas u tordnalhom iħallsuha d-danni hekk likwidati[34];

[34] Differita għat-trattazzjoni għas-seduta tat-2 ta' Frar 2026.

3.33. Lucienne Meilak xehdet illi fis-17 ta' Frar 2021 hija bagħtet *email* lil Dr. Ing. Micallef u Ing. Malcolm Żammit (President u Segretarju tal-Kamra tal-Inġiniera) bl-abbozz finali tal-Att intiż biex jemenda l-Kap. 321 u huma bagħtulha xi kummenti. Għalhekk sar xi tibdil fl-abbozz[35];

3.34. Il-Ministru konvenut xehed illi huwa kien infurmat bil-Mandat Nru. 1430/2020 maħruġ kontra l-Bord u għalhekk, mal-ħruġ tal-istess huwa waqaf jikkonsulta miegħu. Jgħid li madankollu huwa mhuwiex il-Bord u għalhekk ħass li kien fid-dover li jkompli għaddej bil-mansjonijiet tiegħu ta' Ministru u Membru Parlamentari billi jressaq il-leġislazzjoni in kwistjoni, li kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020, fil-Parlament Malti, u dan fl-interess tal-pajjiż u tal-professjoni[36];

3.35. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2021[37], l-Assoċjazzjoni attriċi talbet lill-konvenut *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati sabiex jissospendi kwalunkwe abbozz imsejjaħ *"Att li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġiniera, Kap. 321"* li kien se jitressaq għall-ewwel qari dakinhar wara nofsinhar[38], u dan *in vista* tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/20 FDB u l-kawża ċivili sussegwenti;

---

[35] Fol. 440.
[36] Fol. 188 *et seq*.
[37] Fol. 22.
[38] Fol. 23.

3.36. Fis-seduta tal-Kamra tar-Rappreżentanti tas-16 ta’ Marzu 2021, inqara għall-Ewwel darba Abbozz ta’ Liġi imsejjaħ *‘ATT li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija, Kap. 321’*, imressaq mill-Onorevoli Ian Borg, M.P., Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali (Abbozz Numru 205)[39]. L-istess ġie mbagħad ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta’ Marzu 2021[40];

3.37. Il-Kamra tal-Inġiniera nfurmat b’dan lill-membri tagħha b’*email* datata 31 ta’ Marzu 2021[41];

3.38. Skont l-Assoċjazzjoni attriċi l-Abbozz 205 kien totalment differenti mill-abbozz ta’ liġi preċedentement mogħti lilha[42] u permezz ta’ ittra datata 19 ta’ April 2021, talbet lill-konvenut Onor. Ministru Ian Borg sabiex jirtira l-Abbozz ta’ Liġi Numru 205 u dan *inter alia* għaliex l-emendi proposti:

> *‘do not improve on the Engineering Profession Act Chap 321 of the Laws of Malta but on the contrary degrade it extensively, so that the Engineering Profession will effectively be one in name only, with negative consequences on other legal aspectes related to the profession.*
>
> …

[39] Fol. 197, 235 *et seq*. partikolarment fol. 244 u 244 *overleaf.*
[40] Fol. 51 *et seq*.
[41] Fol. 516.
[42] Fol. 427 *et seq*.

*Bill 205 as presented is in violation of the Proportionality Test Directive.'*

3.39. Fl-istess data (19 ta' April 2021), l-Assoċjazzjoni attriċi nfurmat b'dan ukoll lill-Avukat tal-Istat[43], lill-Viċi President tal-Parlament Ewropew[44], lil Pieter Omtzigt (Kunsill tal-Ewropa)[45], lill-Prim' Ministru[46], lill-Ministru tal-Ġustizzja, Ekwalità u Governanza[47], lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati[48], lill-Kap tal-Oppożizzjoni[49], u lill-Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea f'Malta[50];

3.40. L-imsemmi abbozz issokta bit-Tieni Qari fis-seduti plenarji tal-31 ta' Mejju 2021[51], tal-1 ta' Ġunju 2021[52], tat-2 ta' Ġunju 2021[53] u tat-8 ta' Ġunju 2021[54];

3.41. Il-Kamra tal-Inġiniera nfurmat lill-membri tagħha bl-andament tat-tieni qari f'*email* minnha mibgħutha fl-4 ta' Ġunju 2021[55];

---

[43] Fol. 286 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[44] Fol. 269 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[45] Fol. 270 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[46] Fol. 271 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[47] Fol. 272 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[48] Fol. 273 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[49] Fol. 274 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[50] Fol. 275 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020.
[51] Fol. 265 *et seq*. partikolarment fol. 267 *overleaf,* fol. 279 *et seq*.
[52] Fol. 299 *et seq*. partikolarment fol. 301 u 315 *et seq*.
[53] Fol. 327 *et seq*. partikolarment fol. 338 *overleaf et. seq*.
[54] Fol. 197, 351 *et seq*., partikolarment fol. 360 *overleaf et seq*.
[55] Fol. 518.

3.42. Safrattant l-Assoċjazzjoni attriċi ġiet mistiedna għal laqgħa Parlamentari organizzata mill-Oppożizzjoni[56]. Il-Ministru konvenut ingħaqad fl-istedina[57] li kellha ssir fil-Parlament fil-5 ta' Lulju 2021[58];

3.43. Madankollu, b'ittra datata 5 ta' Lulju 2021[59] l-Assoċjazzjoni attriċi wieġbet illi hija ma kinitx se tattendi għall-laqgħa li kellha ssir dakinhar għaliex riditx ikollha x'taqsam xejn mal-proċess pendenti fil-Parlament u l-uniku post aċċettabbli għall-MAPE biex jiġi trattat is-suġġett kien fil-kawża li hija ppreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Żiedet li l-uniku mod kif setgħat tiġi riżolta l-vertenza kien li l-Ministru jirtira l-Abbozz 205 minn quddiem il-Parlament. Kopja tal-istess ittra, indirizzata lill-Ministru konvenut u lill-Kap tal-Oppożizzjoni, intbagħtet ukoll lill-President tar-Repubblika, lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u kif ukoll lill-iSpeaker Konvenut;

3.44. Il-Ministru konvenut xehed li effettivament għal dik il-laqgħa ma tfaċċa ħadd mir-rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni attriċi[60]. Jgħid

[56] Fol. 105.
[57] Fol. 189.
[58] Fol. 381 *overleaf.*
[59] Fol. 105.
[60] Ara ukoll fol. 381 *overleaf.*

li wara li stennew inutilment, il-Grupp Parlamentari tal-Gvern kien iddeċieda li l-Kumitat għandu jissokta b'xogħolu[61];

3.45. L-Abbozz ġie mbagħad diskuss mill-Kumitat fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2021[62]. Waqt dik il-laqgħa l-Ing. Malcolm Żammit (President tal-Kamra tal-Inġiniera), l-Inġ. Daniel Micallef (Eks President tal-Kamra tal-Inġiniera) u Lucienne Meilak (Director Policy Development and Program Implementation Directorate) kienu preżenti u ġew mistiedna biex jintervjenu[63];

3.46. L-Abbozz ġie diskuss għat-tielet darba u adottat fis-seduta plenarja tal-14 ta' Lulju 2021[64] u l-Kamra tal-Inġiniera infurmat b' dan lill-membri tagħha[65];

3.47. Fit-2 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni għalqet l-*infringement* kontra Malta[66].

**Il-Kawża Odjerna**

4. Fis-17 ta' Awwissu 2022 l-Assoċjazzjoni attriċi ppreżentat imbagħad din il-kawża permezz ta' liema tallega illi l-Att XLV tal-2021 hu

[61] Fol. 189, 190 u 381 *overleaf.*
[62] Fol. 198, 378 *et seq*.
[63] Fol. 378, 381 *et seq*
[64] Fol. 386 *et seq*. partikolarment fol. 405.
[65] Fol. 520.
[66] Fol. 441.

null u bla effett għaliex ġie mgħoddi mill-Parlament ta' Malta b'nuqqas ta' osservanza tal-proċeduri u obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv. Hija bbażat tali lanjanza fuq is-segwenti premessi:

> *"1. Illi kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta jobbligaw il-Parlament ta' Malta sabiex jeżerċita l-poter leġislattiv mogħti lilu mill-istess Kostituzzjoni strettament fl-ambitu ta' dawk il-proċeduri u provvedimenti statutorji li fin-nuqqas tal-osservanza tagħhom iwasslu għan-nullità tal-istess Att leġislattiv stante li huma konsiderati bħala proċeduri leġislattivi ta' natura mandatorja.*
>
> *2. Dan il-prinċipju tant fondamentali biex isseħħ is-supremazija tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġie kkonfermat bl-iżjed mod awtorevoli fis-sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet Onorevoli Dom Mintoff vs Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier et noe, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-22 ta' Jannar, 1971.*
>
> *3. Illi fl-imsemmija sentenza l-Qorti adottat id-dictum tal-Imħallef Dixon CJ "Lawyers speak of statutory provisions as imperative when any want of strict compliance with them means that the resulting act, be it a statute, a contract or what you will, is null and void". Jew fil-kliem tal-Qorti Kostituzzjonali stess meta l-proċeduri mandatorji "jolqtu s-sostanza".*
>
> *4. Illi fit-23 ta' Lulju, 2021 ġie in vigore l-Att XLVIII tal-2021 liema Att emenda Kapitolu 321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Inġiniera) mingħajr ma l-Parlament segwa l-proċeduri u provvedimenti statutorji kollha mandatorji rikjesti għall-validità tal-istess Att, fosthom li jiġu espletati l-konsultazzjonijiet imposti kemm mil-liġi ta' Malta kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm mil-liġi tal-Unjoni Ewropea liema nuqqas manifestement iwassal għan-nullità tal-istess Att XLVIII tal-2021.*
>
> *5. Illi l-emendi kontemplati fl-Att XLVIII tal-2021 jikkonċernaw ir-regolamenti tal-professjoni tal-inġiniera u jaqgħu taħt il-kategorija ta' provvedimenti regolati minn Service Directives skont il-Liġi tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva 2006/123/EC liema direttiva ġiet transposed għal ġol-liġi Maltija permezz tal-Att XXIII tal-2020 kif ukoll huma soġġetti għall-Proportionality Test Directive, liema direttiva ġiet transposed għal ġol-liġi Maltiija permezz tal-Att XXV tal-2020.*
>
> *6. Illi kemm id-Direttiva 2006/123/EC u kemm l-Att XXV tal-2020 (speċifikament Art. 7) jimponu l-obbligu fuq il-Parlament ta' Malta li kwalunkwe provvediment leġislattiv biex ikun validu għandu jiġi sottopost ad validitatem għall-proċess rigoruż ta' konsultazzjoni mal-pubbliku in ġenerali sabiex ikun spjegat lilu fid-dettall kollu neċessarju kif il-miżuri proposti jgħaddu t-test fondamentali tal-"Proporzjonalità" u dan meta l-proposti jolqtu "the provision of a service" fil-kamp ta' xi professjoni bħal dik tal-inġinerija.*

*7. Illi l-konsegwenza Kostituzzjonali fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza minn Att leġislattiv tal-proċedura mandatorja ta' konsultazzjoni dwar il-kriterju tal-Proporzjonalità hija ċara u manifesta u ċioe n-nullità tal-istess provvediment leġislattiv kemm b'effett tal-Artikolu 6 tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta) u kemm skont l-art. 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta magħdud mal-artikoli 65, 72 u 95 tal-istess Kostituzzjoni.*

*8. Illi l-provvedimenti kontenuti fl-Att XLVIII mhux biss ma kinux suġġetti għall-proċess mandatorju validu ta' konsultazzjoni kif prevvist kemm mill-Kostituzzjoni, mil-Liġi ta' Malta u kemm mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, iżda lanqas biss setgħu jkunu kostituzzjonalment hekk soġġetti għax il-Parlament kellu ostakolu leġittimu li kostituzzjonalment impedixxa l-istess Parlament milli jkompli l-iter leġislattiv. L-ostakolu kien jikkonsisti minn ordni ċioe Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ mill-Qrati ta' Malta li fis-sistema ta' separazzjoni tal-Poteri ta' Malta jgawdu minn awtorità daqs dik tal-Parlament.*

*9. Illi b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qrati ta' Malta ħarġet mandat ta' inibizzjoni kontra, u kategorikament ordnat, lill-Bord tal-Inġiniera, l-organu tal-Istat li waħdu kellu l-kompetenza li jikkonduċi l-konsultazzjonijiet pubbliċi biex ikun spjegat lil kull min ikun interessat u lil kull min juri interess biex jifhem kif l-emendi proposti huma a. Neċessarji; b. Mhux diskriminatorji; u ċ. Proporzjonali, liema Bord kien ordnat milli jieqaf b'xi mod "jippromwovi "jirrilaxxa/w u/jew jippreżenta/w u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovu/i" l-emendi de quo u milli jgħaddi kwalunkwe eżitu lill-Parlament ta' Malta, qabel ma jkun stabbilit mill-Qorti jekk il-proċess konsultattiv magħmul minnu kienx illegali stante li naqas milli jinvolvi kull min mill-pubbliku kien wera interess biex jipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni.*

*10. Illi minkejja li stadju mandatorju tal-proċedura leġislattiva kien b'ordni tal-Qorti mwaqqaf milli jkompli, il-Parlament b'mod għal kollox anti-kostituzzjonali, fit-13 ta' Marzu, 2021 beda l-ewwel qari tal-abbozz ta' liġi (Mozzjoni 501) u b'hekk għadda għal stadju suċċessiv tal-iter leġislattiv billi fetaħ id-dibattitu Parlamentari dwar emendi fil-kamp tas-settur tas-servizzi professjonali mingħajr ma dawn kienu sottoposti għal konsultazzjoni pubblika dwar il-proporzjonalità u dan għax kien hemm in vigore projbizzjoni mill-Qorti milli dan seta' jsir.*

*11. Illi kemm il-mandat ta' inibizzjoni u kemm il-kawża relattiva quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti għadhom għaddejjin u dan xhur wara li l-Parlament għadda b'mod mhux kostituzzjonali l-Att XLVIII tal-2021.*

*12. Illi dan l-aġir illegali u manifestement anti-kostituzzjonali da parti tal-Parlament ta' Malta jagħti lok għall-actio popolaris għan-nullità tal-Att de quo, taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta li bis-saħħa tal-provvedimenti tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni tagħti l-interess ġuridiku lil kwalunkwe*

*persuna anke jekk mhux personalment milqut li jiftaħ azzjoni quddiem il-Qrati Kostituzzjonali ta' Malta għan-nullità tal-istess liġi."*

5. Talbet għalhekk lill-Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna jogħġobha tordna:

*"1 Illi l-Att XLVII tal-2021 hu null u bla effett stante li l-imsemmi Att ġie mgħoddi mill-Parlament ta' Malta b'nuqqas tal-osservanza tal-proċeduri u obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv kollu tiegħu u allura mingħajr ma seħħ fl-interezza tiegħu proċess konsultattiv validu, non-diskriminatorju, neċessarju u proporzjonali hekk kif imposti mill-Kostituzzjoni ta' Malta, mil-Liġi ta' Malta u mil-liġi tal-Unjoni Ewropea;*

*2 Illi tistabbilixxi proċess perentorju li fih il-Parlament ta' Malta jgħaddi u jieħu dawk il-miżuri leġislattivi kollha neċessarji sabiex jottempera ruħhu mad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrendi l-provvedimenti tal-Att XLVIII nulli u bla effett;*

*3 Tagħti kull rimedju xieraq ieħor illi din l-Onorabbli Qoti tara xieraq fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

6. Permezz ta' risposta ppreżentata fit-23 ta' Settembru 2022[67], l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati wieġeb:

*"1. Illi preliminarjament l-iSpeaker qua Speaker ma għandux la r-rappreżentanza tal-Gvern lanqas tal-Kamra tad-Deputati u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi in kwantu l-kawża hija pretiża biex tindaħal kif jiġi kondott l-iter leġislattiv fil-parlament hija bla bażi fil-liġi u tirrasenta d-disprezz tal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Il-parlament huwa sovran u ħlief kif stipulat mill-Kostituzzjoni ħadd ma jista' jindaħallu fil-mod kif jeżerċita l-funzjoni leġislattiva tiegħu;*

*3. Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, l-Ispeaker ra li l-Att XLVIII tal-2021 ġie mgħoddi skont il-poteri leġislattivi mogħtija lill-Parlament mill-Kostituzzjoni u l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Fil-fatt mill-minuti tal-istess seduti relattivi joħroġ li l-liġi għaddiet fl-ambitu tal-proċeduri u*

[67] Fol. 6

*provvedimenti statutorji u dan f'kull stadju li għadda minnu l-Abbozz ta' Liġi sakemm sar Att tal-Parlament;*

*4. Irid jingħad ukoll li biex tiġi mgħoddija liġi, imkien m'hemm stipulat li b'mod tassattiv l-istess proċeduri għandhom jinkludu xi stadju ta' konsultazzjoni pubblika. Minkejja dan, fl-istadju tal-Kumitat li seħħ waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet li ltaqa' fit-12 ta' Lulju, 2021, bil-permess tal-istess Kumitat, il-Membri semgħu dak li kellhom xi jgħidu rappreżentanti tal-Kamra tal-Inġiniera u tad-Development and Programme Implementation Directorate. (Kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa qed jiġu annessi);*

*5. Inoltre mhux minnu li d-direttiva tistipula tassattivament metodu kif il-funzjoni leġislattiva tal-Istat għandha tiġi eżerċitata. A tenur tal-art. 288 tat-TFEU: "A directive shall be binding, as to the result to be achieved, upon each Member State to which it is addressed, but shall leave to the national authorities the choice of form and methods."*

*6. Illi ma hemm l-ebda nullità tal-Att innifsu kif pretiż mir-rikorrenti, liema Att fl-aħħar mill-aħħar saret anke in sostenn tal-Artikolu 60 tat-TFEU "The Member States shall endeavour to undertake the liberalisation of services beyond the extent required by the directives issued pursuant to Article 59(1), if their general economic situation and the situation of the economic sector concerned so permit."*

*7. Illi t-talbiet kif formulati huma insostenibbli u għandhom jiġu miċħuda fi kwalsiasi każ;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt."*

7. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2022, il-konvenuti Avukat tal-Istat, Onorevoli Prim Ministru, Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Ministru Ian Borg u Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali wieġbu:

*"1. Illi preliminarjament, l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. In linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju, lanqas il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma huma l-leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri;*

*3. Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, il-Ministru Ian Borg, illum Ministru tal-Affarijiet Barranin, mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;*

*4. Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali mhux il-leġittimu kontradittur stante li l-Bord tal-Inġiniera mertu tal-mandat imsemmi fir-rikors promutur, illum il-ġurnata ma jaqax taħt tali Ministeru iżda jaqa' taħt il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar (ara d-definizzjoni ta' 'Ministru' taħt l-artikolu 2 tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*5. Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti jitolbu għas-sejħa fil-kawża tal-Kamra tal-Inġiniera għaliex l-interessi tal-professjoni tal-inġinerija u tal-membri kollha tagħha jistgħu jkunu milqutin direttament bl-eżitu ta' din il-kawża;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*7. Illi l-emendi saru permezz tal-Att XLVIII tal-2021 (liema Att qed jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proċeduri) għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) huma validi u l-Parlament segwa bis-sħiħ il-proċeduri u l-provvedimenti statutorji kollha mandatorji rikjesti għall-validità tal-istess Att. Tali emendi kienu intiżi sabiex il-leġiżlazzjoni Maltija tkun konformi mad-Direttiva dwar is-Servizzi li ġġib in-numru 2006/123/EC;*

*8. Illi dawn l-emendi kellhom isiru wara avviż formali maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinbeda l-proċedura relatata mal-infringement proceedings minħabba nuqqas ta' konformità mad-Direttiva fuq imsemmija u dan għaliex il-liġi Maltija kienet meqjusa bħala restrittiva;*

*9. Illi l-għan ta' din id-direttiva huwa li jiġu eliminati l-barrieri bejn l-Istati Membri sabiex jitneħħew ostakoli u b'hekk service provider ikun jista' jagħti s-servizz tiegħu fi Stat Membru ieħor dejjem jekk jissodisfa l-kriterji li permezz tagħhom ikun jista' jġib il-warrant;*

*10. Illi għall-kuntrarju ta' dak li qed isostni r-rikorrent, l-emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija kienu ilhom jiġu diskussi għal diversi snin b'konsultazzjoni kontinwa u b'laqgħat regolari mal-Kamra ta' Inġinieri Professjonali, liema Kamra hija stabbilita bil-liġi permezz tal-artikolu 18 tal-Kap. 321 u tirrappreżenta lill-inġiniera u l-professjoni tal-*

*inġinerija f'Malta kif ukoll tirregola l-etika dwar il-kondotta tal-professjoni nnifisha bil-għan fost affarijiet oħra li, tissalvagwardja, tipproteġi u tippromwovi l-professjoni tal-inġinerija. Il-Kamra ta' Inġinieri Professjonali dejjem ħadmet u se tibqa' taħdem għat-tisħiħ tal-professjoni tal-inġinerija;*

*11. Illi r-rikorrent jagħmel referenza għall-Att XXV tal-2020 (Kap. 612 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar Test tal-Proporzjonalità qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet) liema Att isemmi t-test ta' proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet. L-esponenti jirrilevaw li dan l-Att japplika meta l-liġi proposta tkun ser tirrestrinġi l-aċċess għal professjonijiet li diġà jeżistu, jew professjonijiet ġodda. Dan l-Att XXV tal-2020 bl-ebda mod ma japplika għall-abbozz ta' emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija għaliex dawn l-emendi assolutament ma jirrestrinġux l-aċċess għal, jew l-eżerċitar ta' professjoni regolata anzi għall-kuntrarju, qed iżidu l-aċċess għal tali professjoni. Li kieku kien il-każ li l-emendi qed jirrestrinġu l-aċċess jew eżerċitar tal-professjoni tal-inġinerija, dawn imorru kontra d-Direttiva dwar is-Servizzi – ħaġa li żgur ma kinitx ser tiġi aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea;*

*12. Illi f'dan il-kuntest huwa importanti li jiġi sottolineat li minkejja li kien hemm konsultazzjoni kemm mal-Kamra tal-Inġiniera kif ukoll kien hemm laqgħa mal-Union rikorrenti, fil-verità, il-konsultazzjoni pubblika hija tassattiva meta ser ikun hemm restrizzjonijiet fil-liġi. F'dan il-każ, ma kienx hemm restrizzjonijiet u għalhekk il-konsultazzjoni pubblika ma kinitx mandatorja u dan anki kif imsemmi fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 612;*

*13. Illi huwa fatt indiskuss li jekk din l-Onorabbli Qorti tasal tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-Att XLVIII tal-2021 huwa null u bla effett, nerġgħu nitfgħu lil Malta fis-sitwazzjoni xejn feliċi fejn il-Kummissjoni Ewropea jkollha terġa' tintavola infringement proceedings kontra Malta, bil-konsegwenzi kollha marbutin ma' tali proċeduri;*

*14. Illi ta' min jgħid ukoll li l-mandat ta' inibizzjoni li qed issir referenza għalih f'dawn il-proċeduri u ċioe mandat ta' inibizzjoni numru 1430/2020FDP deċiż nhar il-5 ta' Novembru, 2020, kien ġie intavolat kontra l-Bord u l-membri tiegħu inkluż iċ-Chairperson. Dak li ġie mitlub mill-Union rikorrenti lil dik l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera kienet "sabiex iżżomm lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera milli jirrilaxxja u/jew jippreżenta u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi l-emendi li l-Bord intimat ħadem fuqhom għal dawn l-aħħar snin in konnessjoni mal-Att dwar l-Inġinerija (Kap. 321) u li bi ħsiebu jressaq quddiem il-Parlament tar-Repubblika, tramite l-Ministeru konċernat, iżżommu milli jkompli jew milli jagħmel dak hawn fuq imsemmi."*

*15. Huwa fatt li l-Qorti laqgħet tali talba u għalhekk il-Bord BISS – U L-EBDA ENTITÀ OĦRA – ma kien miżmum milli jagħmel dak imsemmi fuq. Ta' min jgħid li l-Bord mexa skont il-mandat u dawk l-emendi ma*

*mexxihomx għand il-Parlament għaliex l-irwol tiegħu waqaf sal-punt fejn l-emendi marru għand il-Kummissjoni (fil-31 ta' Awwissu, 2020). Għalhekk, il-Parlament ma kien bl-ebda mod miżmum milli jkompli bl-iter leġislattiv għaliex il-mandat kien indirizzat lill-Bord u kien qed iżomm biss lill-Bord. L-esponenti jiċħdu b'qawwa li l-Parlament beda l-ewwel qari tal-Abbozz ta' Liġi li jirregola l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġiniera b'mod anti-kostituzzjonali u dan għaliex ma kien hemm xejn li qed iwaqqaf lill-Parlament milli jagħmel dan; u apparti minn hekk huwa inawdit li l-Parlament jitwaqqaf b'xi mod milli jagħmel xogħlu u l-esponenti huma tal-fehma li huwa proprju min jittenta jwaqqaf lill-Parlament li qed jaġixxi b'mod anti-kostituzzjonali;*

*16. Illi għalhekk, l-Att XLVIII tal-2021 huwa validu u l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv ġew osservati kollha ad litteram u għalhekk ir-rikorrenti m'għandu l-ebda bażi għal dawn il-proċeduri speċjali;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

## <u>**Is-Sentenza Appellata**</u>

8. B'sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar, 2025 ["is-sentenza appellata"] il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) iddeċidiet billi:

*"1) Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet imressqa mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati. Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa minnu safejn kompatibbli ma' din id-deċiżjoni;*

*2) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimati Avukat tal-Istat et. Tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati Avukat tal-Istat et;*

*3) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat et stante li din ġiet irtirata;*

*4) Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha mressqa mill-intimati Avukat tal-Istat et;*

*5) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent stante li mill-provi prodotti, bl-ebda mod ma jirriżulta li dak ilmentat minnu ġie ippruvat, u għalhekk il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent nomine sabiex tiddikjara li l-Att XLVIII tal-2021 għandu jiġi ddikjarat null u bla effett.*

*Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent nomine.”*

9. Safejn rilevanti għall-appell *in disamina*, il-Qorti tal-ewwel grad ibbażat is-sentenza tagħha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“29. Il-Qorti issa sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati fil-mertu mill-intimati. L-intimati l-Avukat tal-Istat et jgħidu li l-emendi leġislattivi ppromulgati permezz tal-Att XLVIII tal-2021, li emenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta’ Malta) huma validi, stante li l-Parlament segwa bis-sħiħ il-proċeduri u l-provvedimenti mandatorji rikjesti għall-validità ta’ dan l-Att. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li dawn l-emendi leġislattivi kienu meħtieġa għaliex il-Kummissjoni Ewropea istitwiet infringement proceedings kontra Malta, għaliex il-Kap. 321 qabel ġie emendat, kien qiegħed ifixkel il-provvista ta’ servizzi tal-inġinerija fis-suq ħieles billi joħloq ostakli f’suq uniku miftuħ. Dan ġie kkonfermat mis-Segretarju Permanenti Christopher Cutajar, li fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, kkonferma li għal żmien twil, l-Kummissjoni Ewropea qieset li Malta kienet qiegħda tikser diversi dispożizzjonijiet tal-liġi u tad-Direttiva tas-Servizzi, billi d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 321 ma kienux konformi ma’ din id-Direttiva. Dan ix-xhud spjega kif għal xhur sħaħ kien hemm korrispondenza bejn il-Kamra tal-Inġiniera u l-Kummissjoni Ewropea in konnessjoni mal-emendi leġislattivi meħtieġa, u spjega fid-dettall il-proċess li skatta qabel l-emendi proposti tressqu quddiem il-Parlament għad-diskussjoni.*

*30. L-Onorevoli Ministru Ian Borg, waqt id-depożizzjoni tiegħu stqarr li dawn l-emendi leġislattivi kienu meħtieġa sabiex issir it-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi fil-liġi Maltija. Dan ix-xhud ikkonferma li l-MAPE kienet mistiedna sabiex tattendi għas-seduta parlamentari meta l-abbozz ta’ liġi kien fl-istadju tal-Kumitat, imma l-MAPE kienet naqset milli tattendi għal din is-seduta. Ir-rikorrent Ing. Arthur Ciantar spjega li ma kienx attenda għall-imsemmija laqgħa għaliex kien hemm fis-seħħ l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni, u għaliex fil-fehma tiegħu kwalunkwe diskussjoni dwar l-emendi proposti kellha ssir biss quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, u fl-ebda forum jew istituzzjoni oħra. Il-Ministru Ian Borg qal ukoll li bħala l-Ministru responsabbli, huwa ħass li kellu jersaq quddiem il-Kummissjoni Ewropea bl-emendi proposti, u kkonferma li wara li ddaħħlu l-emendi leġislattivi li qegħdin jiġu kkontestati b’din l-azzjoni, l-infringement procedures kontra Malta twaqqfu mill-Kummissjoni. Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li qalet id-Direttur Lucienne Meilak, li f’xhieda dettaljata li tat, spjegat l-iter segwit qabel ġew introdotti l-imsemmija emendi fil-liġi, u l-kuntatt li kien hemm mal-Kummissjoni Ewropea wara li ġie kkonsolidat l-abbozz ta’ liġi qabel l-emendi ġew ippreżentati lill-*

*Kabinett għad-diskussjoni. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li kien fit-2 ta' Diċembru, 2021, li l-Kummissjoni Ewropea għalqet il-każ li fetħet kontra Malta, u dan għaliex l-abbozz indirizza l-allegati nuqqasijiet li kien hemm fil-liġi Maltija qabel saru l-emendi.*

*31. Xhud ieħor li tefa' dawl fuq x'kien li wassal għall-emendi leġislattivi li qegħdin jiġu kkontestati mir-rikorrent nomine, kien Dr Noel Camilleri, President tal-Bord tal-Inġiniera, li fid-depożizzjoni tiegħu kkonferma li saru diversi laqgħat u diskussjonijiet pubbliċi, li fihom ipparteċipa anki l-Inġ. Ciantar u l-MAPE, u dan wara konsultazzjoni li saret mal-Kamra tal-Inġiniera rigward l-emendi meħtieġa fil-liġi. Ir-rappreżentant tal-Kamra tal-Inġiniera, l-Inġ. Malcolm Zammit spjega li tant huwa minnu li saru konsultazzjonijiet, li għalihom attendiet anki l-MAPE, li kien ġie saħansitra msejjaħ extraordinary general meeting sabiex l-emendi jiġu diskussi u jittieħed vot dwarhom. Għaldaqstant, safejn ir-rikorrent nomine jittanta iqajjem dubji u jallega li f'dan il-każ ma saret l-ebda konsultazzjoni jew li l-konsultazzjoni li saret ma kinitx suffiċjenti, qabel iddaħħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi, il-lanjanza ewlenija tar-rikorrent nomine ma ġietx sostnuta. Dan għaliex mill-provi jirriżulta li qabel ma l-emendi in kwistjoni tressqu għad-diskussjoni quddiem il-Parlament, u sa mill-mument meta ġie deċiż li Malta għandha tkun proattiva sabiex jiġu mwaqqfu l-infringement procedures mibdija kontra tagħha mill-Kummissjoni Ewropea, jirriżulta bl-aktar mod ċar li seħħ proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, bl-involviment tal-istakeholders kollha involuti.*

*32. B'riferiment għall-Att XXV tal-2020 dwar it-Test tal-Proporzjonalità li jsemmi r-rikorrent nomine, il-Qorti tirrileva li l-emendi ippromulgati bl-Att XLVIII tal-2021 bl-ebda mod ma jirrestrinġu l-aċċess għal professjonijiet li jeżistu diġà jew għal professjonijiet ġodda, u għalhekk il-konsultazzjoni mandatorja li tant jinsisti fuqha r-rikorrent jirriżulta li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għaliha, anki għaliex minn qari tat-test tal-liġi, jirriżulta ċar li l-aċċess għall-professjoni tal-inġinerija bl-ebda mod ma ġie ristrett bl-introduzzjoni tal-emendi leġislattivi impunjati. Fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li saret konsultazzjoni wiegħsa li involviet lill-istakeholders kollha, u għalhekk anki hawnhekk, il-lanjanza ewlenija tar-rikorrent nomine f'dawn il-proċeduri ma ġewx sostnuti, għaliex dak ilmentat minnu mhuwiex sorrett mill-fatti kif seħħew. Din il-Qorti ma tistax tinjora lanqas ir-realtà fejn inħasset il-ħtieġa li jsiru l-emendi leġislattivi in kwistjoni, jiġifieri l-infringement proceedings li saru kontra Malta mill-Kummissjoni Ewropea, u r-riskju reali li jekk l-imsemmija emendi leġislattivi ma jsirux, jew issa li ġew ippromulgati jiġu ddikjarati nulli, il-Kummissjoni terġa' tistitwixxi mill-ġdid proċeduri ta' ksur kontra Malta.*

*33. Fl-aħħarnett, il-Qorti tagħmel riferiment għall-mandat ta' inibizzjoni maħruġ fuq talba tar-rikorrent nomine u tal-MAPE kontra l-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera, liema mandat intalab sabiex il-Bord jinżamm milli jirrilaxxa u/jew jippreżenta u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi l-emendi leġislattivi li l-Bord ħadem fuqhom fl-aħħar snin in konnessjoni mal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija. Huwa ċar mid-diċitura ta' dak mitlub, u minn dak deċiż mill-Qorti, li l-mandat ta'*

*inibizzjoni intalab biss fil-konfront tal-Bord regolatur, u għalhekk ma sar xejn li jammonta għal ksur tal-ordni tal-Qorti meta ġie mressaq l-abbozz in kwistjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati sabiex eventwalment dawn ġew approvati. L-abbozz in kwistjoni tressaq mill-Ministru responsabbli sabiex jiġi żgurat li l-infringement proceedings kontra Malta jieqfu. Il-Qorti tosserva li f'każ li Malta tonqos milli tikkonforma mal-obbligi imposti fuqha bid-Direttiva tas-Servizzi, il-konsegwenza kienet ser tkun li l-Kummissjoni Ewropea tibda jew tkompli bl-infringement proceedings kontra Malta. Fi kwalunkwe każ il-Qorti baqgħet mhux konvinta li l-fatt li tressaq l-abbozz ta' liġi in kwistjoni għad-dibattitu parlamentari, wara li kienu saru konsultazzjonijiet wiesgħa f'diversi livelli, fuq medda ta' xhur jekk mhux snin, jammonta għall-ksur ilmentat mir-rikorrent nomine, jew għal sitwazzjoni fejn il-Parlament jista' jitqies li naqas milli josserva l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv, jew mingħajr ma seħħ proċess konsultattiv validu, non-diskriminatorju, neċessarju u proporzjonali kif jilmenta r-rikorrent nomine, u għalhekk tqis li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda."*

**<u>L-Appell</u>**

10. L-attur appella mis-sentenza surriferita b'rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2025 fejn jilmenta illi:

i. Il-Qorti in Prim'Istanza naqset milli tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-Bord kien inibit milli jippreżenta jew jippromwovi l-emendi proposti għall-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta u milli jgħaddi kwalunkwe eżitu lill-Parlament ta' Malta u dan permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1430/2020 FDP; u

ii. Il-Qorti in Prim'Istanza naqset milli tikkunsidra illi, konsegwenza tal-fatt illi l-Bord kien inibit milli jkompli bil-proċess lilu delegat, l-istess appellat Onor. Ministru Ian Borg u l-Parlament ma

setgħux ikomplu għaddejjin bil-proċess leġislattiv u dan *in vista* tal-prinċipju kardinali ta' delegazzjoni tal-poteri.

11. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

> *"tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet mill-intimat Speaker tal-Kamra tad-Deputati, in kwantu ċaħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat et, in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat et filwaqt li tħassar il-kumplament tad-deċiżjoni tagħha in kwantu laqgħat l-eċċezzjoni l-oħra mressqa mill-intimat Speaker tal-Kamra tad-Deputati, in laqgħet it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat et, in kwantu ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellant, u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent appellant filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati."*

12. B'risposta ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2025[68], l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma.

13. B'risposta ppreżentata fit-18 ta' Marzu 2025[69], il-konvenuti appellati l-oħra kollha wkoll wieġbu illi s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma.

14. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2025 saret trattazzjoni, li ġiet irrekordjata.

---

[68] Fol. 676 *et seq*.
[69] Fol. 682 *et seq*.

**L-Ewwel Aggravju**

15. L-ewwel aggravju tal-attur *nomine* hu illi l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Bord tal-Inġiniera kien inibit milli jippreżenta jew jippromwovi l-emendi proposti għall-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta u milli jgħaddi kwalunkwe eżitu lill-Parlament ta' Malta u dan permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1430/2020 FDP.

16. L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati laqa' għal dan l-ilment billi qal li l-Parlament ma kellu ebda obbligu li jikkonsulta mal-Bord u li f'kull każ il-Bord kien ikkonkluda r-rwol tiegħu qabel il-ħruġ tal-mandat. Iżid li r-rwol tal-Bord mhuwiex wieħed leġislattiv iżda biss li, fejn meħtieġ jew mitlub, jagħti pariri, jagħmel rakkomandazzjonijiet jew xort'oħra jagħti l-fehmiet tiegħu lill-Ministru (art 7 tal-Kap. 321).

17. Il-konvenuti Avukat tal-Istat, Onorevoli Prim Ministru, Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministru Ian Borg, u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali da parti tagħhom wieġbu illi l-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020 inħareġ kontra l-Bord u l-membri tiegħu, inkluż iċ-*Chairperson,* mhux il-Ministru konvenut. Jgħidu li sa dakinhar tal-ħruġ tal-mandat, ir-rwol tal-Bord kien wasal sal-punt illi, fil-31 ta' Awwissu 2020 l-abbozz ta'

liġi konsolidat (kif maqbul bejn il-Bord u l-Kamra tal-Inġiniera u b'xi suġġerimenti da parti tal-*Legal Unit* fis-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea) intbagħat għand il-Kummissjoni Ewropea. Imbagħad ma sar xejn aktar da parti tal-Bord billi, minn dakinhar tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni 'l quddiem, aderixxa ruħu mal-ordni tal-Qorti. Jgħidu li madankollu l-Ministru konvenut ma kienx milqut b'dak l-ordni u għalhekk kompla bid-doveri tiegħu fir-rigward.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

18. Ir-rikors numru 1430/2020 għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kien ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2020 kontra l-Bord tal-Professjoni Inġiniera, l-Av. Dr. Noel Camilleri *qua Chairperson* tal-istess, u l-Inġ. Brian Micallef, l-Inġ. Samuel Bonanno, l-Inġ. Fabio Stivala, Dr. Inġ. Simon Fabri, l-Inġ. Robert Schembri u l-Inġ. Keith Chetcuti li dak iż-żmien kienu lkoll membri tal-Bord. Dakinhar stess il-Qorti ordnat il-ħruġ proviżorju tal-mandat ta' inibizzjoni.[70] Eventwalment permezz ta' provvediment mogħti fil-5 ta' Novembru 2020[71] il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-imsemmija persuni.

---

[70] Fol. 3 tal-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni 1430/2020.
[71] Fol. 149 *et seq*. tal-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni 1430/2020.

19. Il-Bord, li fil-konfront tiegħu nħareġ il-Mandat surriferit, huwa regolat bl-artikolu 6 tal-Kap. 321. Qabel l-emendi in kontestazzjoni dan l-artikolu kien jipprovdi kif ġej:

> *"**6.** (1) Għandu jkun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija, li jkun magħmul minn –*
>
> *(a) chairman maħtur mill-Ministru minn fost persuni li huma jew kienu kwalifikati biex jiġu maħtura mħallfin f'Malta;*
>
> *(b) tliet membri maħtura mill-Ministru minn fost detenturi ta' warrant, li minnhom wieħed ikun membru tal-persunal akkademiku tal-fakultà tal-Inġinerija fl-Università ta' Malta; u*
>
> *(ċ) tliet membri li jkunu eletti b' votazzjoni sigrieta mid-detenturi ta' warrant minn fosthom:*
>
> *Iżda mhux aktar minn tnejn mill-membri eletti għandhom ikunu detenturi ta' warrant eżerċenti fl-istess qasam tal-professjoni.*
>
> *(2) Iċ-chairman u l-membri maħtura tal-Bord għandhom iżommu l-kariga għal dak iż-żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tagħhom. Il-membri eletti tal-Bord għandhom iżommu l-ħatra għal sentejn.*
>
> *(3) Sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' jistabbilixxi b' avviż fil-Gazzetta, is-subartikolu (1)(b) u (ċ) ma għandux ikun fis-seħħ, u l-Ministru għandu jaħtar sitt membri tal-Bord minn fost persuni li fl-opinjoni tiegħu jkunu jikkwalifikaw għall-warrant. Dawk il-membri għandhom iżommu l-kariga tagħhom għal żmien ta' mhux iżjed minn sena u għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.*
>
> *(4) Il-membri tal-Bord għandhom, f'egħluq iż-żmien tal-kariga tagħhom, ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid jew biex jerġgħu jiġu eletti, skont il-każ.*
>
> *(5) Meta jkun hemm xi vakanza fil-Bord il-Ministru għandu, hekk kif ikun prattikabbli, fil-każ ta' membru maħtur, jaħtar persuna oħra biex timla l-vakanza, u f'każ ta' membru elett, jara li issir elezzjoni biex timtela l-vakanza.*
>
> *(6) In-numru ta' membri meħtieġ biex ikun hemm quorum ikun ta' tlieta, iżda, dejjem jekk ikun hemm quorum, il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.*
>
> *(7) Il-Ministru jista' wkoll jagħżel uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta' segretarju tal-Bord, iżda dak is-segretarju ma jkollux vot.*

*(8) Barra minn dak li ntqal qabel il-Bord jista' jagħmel ir regoli tiegħu stess u xort' oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess.*

*(9) Il-Bord għandu, fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, jaġixxi b'mod indipendenti u imparzjali."*

20. Id-dmirijiet tal-Bord, kemm qabel u kif ukoll wara l-emendi in kontestazzjoni, kienu jinkludu *inter alia*:

*"7. (1) …………*

*(d) li jagħti pariri, jew jagħmel rakkomandazzjonijiet jew xort' oħra jagħti l-fehmiet tiegħu, lill-Ministru dwar kull ħaġa li dwarha l-Ministru għandu jikkonsulta lill-Bord*[72] *jew li fuqha l-Bord għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru jew li fuqha l-Ministru jkun talab il-fehma jew ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;*

*…………*

*(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(d) u (e), il-Bord jista' jikkonsulta ma' dawk il-persuni li jidhirlu xierqa, u fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(ċ), (d) u (e), jista' wkoll jaħtar kumitati, li l-president tagħhom ikun membru tal-Bord, sabiex ikunu jistgħu jsiru dawk l-istudji jew dak ix-xogħol l-ieħor li l-Bord jista' jagħtihom.*

21. Lucienne Meilaq, direttur fil-Ministeru, xehdet li l-emendi li għaddew bis-saħħa tal-Att XLVIII tal-2021 tfasslu bil-ħidma konġunta tagħha, tal-Bord u tal-Kamra tal-Inġiniera. Ifisser dan illi għalkemm l-Att dwar l-Inġiniera (Kap. 321) ma jeħtieġx li ssir konsultazzjoni mandatorja mal-Bord sabiex isiru emendi fl-att prinċipali, tali konsultazzjoni saret.

[72] Il-Kap. 321 jeħtieġ li l-Ministru jikkonsulta mal-Bord f'żewġ istanzi: (i) biex jagħti għarfien lil assoċjazzjoni ta' detenturi ta' *warrant* li tkun magħrufa bħala l-Kamra ta' Inġiniera Professjonali (art. 18); u (ii) biex jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lil xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att u b'mod ġenerali biex tiġi regolata l-professjoni tal-inġinier (art. 21).

22. Madankollu, il-konsultazzjoni mal-Bord ma ħaditx il-forma ta' delega f'termini assoluti u l-Ministeru responsabbli, filwaqt li kkonsulta mal-Bord, baqa' involut. Tant hu hekk illi f'Lulju 2020 l-istess direttur kienet irċeviet abbozz bl-emendi maqbula bejn il-Bord u l-Kamra tal-Inġiniera[73] u għamlet xi suġġerimenti ulterjuri.

23. F'Awwissu 2020 l-abbozz kien emendat bis-suġġerimenti tagħha u tal-*Legal Unit* tas-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea u ntbagħat lill-Kummissjoni Ewropea għar-*review* għaliex l-istess kien jimmira jirriżolvi kwistjonijiet mertu ta' *infringement proceedings* dak iż-żmien pendenti.

24. Minn hemm, l-emendi tmexxew mill-Ministeru kkonċernat u mill-Ministru konvenut. Il-Bord ma kellu ebda rwol ieħor.

25. Evidenti minn dan illi, kuntrarjament għal dak allegat mill-attur *nomine*:

i. Ir-rwol tal-Bord baqa' dejjem taħt l-iskrutinju tal-Ministeru kkonċernat; u f'kull każ

ii. l-involviment tal-Bord u l-membri tiegħu waqaf qabel il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020.

[73] Fol. 440.

26. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-attur *nomine* hu miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

27. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-attur *nomine* jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra illi, konsegwenza tal-fatt illi l-Bord tal-Inġiniera kien inibit milli jkompli bil-proċess lilu delegat, l-istess appellat Onor. Ministru Ian Borg u l-Parlament ma setgħux ikomplu għaddejjin bil-proċess leġislattiv u dan *in vista* tal-prinċipju kardinali ta' delegazzjoni tal-poteri. Jinsisti illi

> *"36. ... meta l-Bord tal-Inġiniera ġie inibit milli jgħaddi r-rapport finali tiegħu lil xi persuna jew awtorità oħra, il-Ministru li ddelega tali poter lill-Bord kien ukoll soġġett għal din l-Inibizzjoni. Dan għaliex minkejja l-fatt li iva, l-indaġni mitluba saru da parti tal-Bord, il-Bord fl-ebda punt ma kien qiegħed jaġixxi f' ismu għal skopijiet privati tiegħu, imma kien qiegħed jaġixxi f' isem l-Istat li, tramite l-appellat Onor. Ministru, ingħata u ċioe ġie ddelegat dan il-poter lilu. Punt pertinenti li jorbot ma dan il-fatt huwa li dan l-imsemmi rapport, liema rapport ovvjament qatt ma ġie konkluż u li qatt ma seta' jiġi konkluż konsegwenza tal-mandat t'inibizzjoni surreferit, kien se jintuża għal skopijiet leġislattivi, konsegwenza tad-delega li ngħatat mill-appellat Onor. Ministru Ian Borg lill-istess Bord tal-Inġiniera.*
>
> *37. Illi ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa l-fatt illi ġialadarba l-Bord u konsegwentement għalhekk, Il-Ministru, ġew inibiti milli jiddiskutu kwalunkwe sejbien da parti tagħhom fil-konfront ta' rapport finali li kien qiegħed jiġi mfassal mill-Bord (li pero kif ingħad qatt ma seta' jsir konsegweza tal-istess mandat t' inibizzjoni in kwistjoni), in linea mal-argument ben assodat illi l-Istat dejjem u konsistentement jibqa' stat wieħed (minkejja d-deglegazzjonijiet li jkunu saru), id-diskussjonijiet, dibattiti u abbozzar da parti l-Parlament Malti rigwardanti din il-leġislazzjoni, **<u>neċessarjament kellhom jiġu sospiżi sakemm ingħatat deċiżjoni finali mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u jiġi deċiż finalment il-mandat t' inibizzjoni.</u>***

*38. Illi dan l-argument jirrifletti dak fuq preċitat u ċioe illi d-delegazzjoni ta' poteri leġislattivi ma tfissirx it-tifrik u d-disintegrazzjoni tar-responsabbilità unitarja tal-Istat, fejn l-organi u l-entitajiet għandhom jaħdmu id f' id ma' xulxin bl-għan aħħari ikun l-iżviilupp u l-amministrazzojni siewi tal-Istat.*

*...*

*41. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti in prim istanza ukoll daħlet f' dan l-argument, iżda jidher illi naqset għal kollox milli tieħu in konsiderazzjoni il-fatt illi b' dan il-mod, u b' dan l-aġir, Malta, tramite l-Parlament, kissret għal kollox l-obbligi mposti fuqha mill-istess Unjoni Ewropea u mid-direttivi tagħha li jimponu l-obbligu ta' konsultazzjoni hekk kif prevvist mill-Unjoni Ewropea innifisha. Huwa paċifiku illum illi wara d-dħul ta' Malta bħala Membru tal-Unjoni Ewropea, li l-ordinament ġuridiku kostituzzjonali Malti sar jikkomprendi ll-ordimanet ġuridiku tal-Unjoni Ewropea bħala parti integrali tagħha hekk kif sanċit mill-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*42. Illi l-konsegwenza kostituzzjonali hi li leġislazzjoni tal-Parlament Malti illi tkun inkonsistenti mal-obbligi fuqu imposti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea, iwasslu fatalment għall-applikazzjoni kemm tal-artikolu sitta (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-provvedimenti tat-trattati tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri għan-nullità tal-Att leġislattiv de quo. Għalhekk jirriżulta li l-Parlament ipprova jevita il-potenzjal ta' xi azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea billi **manifestament kiser l-obbligi mandatorji imposti mid-direttiva tal-porporzjonalità imposta mill-istess Unjoni Ewropea!**"*

28. L-ispeaker wieġeb hekk:

*"It-tieni aggravju tal-attur jibda mill-premess li skont hu, il-Bord ġie delegat xi poteri. Ma jispeċifikax pero x' poteri ġew delegati lill-Bord. Kif jirriżulta mill-artikoli ċitati iktar ' fuq il-poter tal-Bord fil-każ odjern huwa se mai wieħed merament konsultattiv u mhux leġislattiv. L-awtorità li ssir il-liġi kienet u baqgħat dejjem tal-Kamra tad-Deputati. Id-delega għal liema l-attur appellanti qed jirreferi fil-para 32 et seq tal-appell tiegħu huwa d-delega lil Ministeru tal-poter li jagħmel **regolamenti** (u mhux liġi primarja) fil-kamp tal-professjoni tal-Inġiniera, liema regolamenti għandhom isiru b' konsultazzjoni mal-Bord.*

*…*

*Lil' hinn mill-fatti pero, għandu jirriżulta li mandant t' inibizzjoni jolqot biss lil dawk il-persuni li huma direttament soġġetti għall-mandat t' inibizzjoni, il mandat għandu effett ta' sentenza li ma jista' jkollha l-ebda effett lejn terz li ma kienx parti ta' kawża …*

*Finalment in kwantu l-attur qed jallega li ġew miksura “**l-obbligi mandatorji imposti mid-direttiva tal-proporzjonalità imposta mill-istess Unjoni Ewropea”** għandha ssir riferenza għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex din tiddeċiedi jekk id-direttiva tal-proporzjonalità kienet timponi l-obbligu ta’ konsultazzjoni anke fil-każ li kien qed jiġi diskuss vot sabiex il-professjoni tal-Inġiniera tiġi miftuħa liberament għas-suq Ewropew.*

*Filwaqt li l-esponenti appellat itenni li f’ dan ir-rigward ġjaladarba l-liġi kienet qed tilliberalizza s-suq ma kien hemm l-ebda obbligu li ssir konsultazzjoni, anke għaliex minn qari tad-direttiva rilevanti (**UE2018/958**) huwa evidenti li l-obbligu ta’ proporzjonalita kif applikat f’ dik id-direttiva hija fis-sens li fejn l-istat trid tirrestrinġi aċċess għall-professjoni għandu jkun hemm konsultazzjoni ampja sabiex tassigura li dawk **ir-restrizzjonijiet huma proporzjonali.** Min-naħa l-oħra, fejn ir-restrizzjonijiet qegħdin jitneħħew dawn ma kien jirrikjedi l-ebda konsultazzjoni anke għaliex l-għan aħħari tal-Unjoni Ewropea huwa proprju li jinħoloq libertà ta’ moviment asolut għal kull ċittadin. Jekk hemm xi dubju dwar dan għandu jkun hemm riferenza lill-QGUE sabiex tistabbilixxi hi kif għandi jiġi definit l-obbligu ta’ konsultazzjoni skont id-direttiva premessa.”*

29. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti appellati l-oħra wieġbu[74] illi:

*“12. Għandu jirriżulta b’ mod ċar li l-Ministru u l-Parlament ma kienu bl-ebda mod miżmuma milli jkomplu bl-iter leġislattiv għaliex il-mandat ta’ inibizzjoni kien indirizzat lill-Bord u kien qed iżomm biss lill-Bord. L-esponenti jiċħdu b’ qawwa li l-Parlament beda l-ewwel qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jirregola l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġiiera b’ mod anti-kostituzzjonali u dan għaliex ma kien hemm xejn li qed iwaqqaf lill-Parlament milli jagħmel dan; u apparti minn hekk huwa inawdit li l-Parlament jitwaqqaf b’ xi mod milli jagħmel xogħlu u l-esponenti huma tal-fehma li huwa proprju minn jittanta jwaqqaf lill-Parlament li qed jaġixxi b’ mod anti-kostituzzjonali.*

*…*

*14. … ġialadarba l-aggravji huma dawn biss, u ma saru l-ebda aggravji oħra li jattakkaw il-kumplament tas-sentenza, l-esponenti appellati jqisu li tali deċiżjoni hija res judicata fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-appellati u li ma tressaqx aggravju fuqhom….*

*15. …. Jidher li l-appellant iffoka fuq il-kwistjoni tal-mandat ta’ inibizzjoni iżda mhux qed jappella fuq il-punt l-ieħor fejn l-appellati argumentaw li l-emendi saru permezz tal-Att XLVII tal-2021 għall-Att*

[74] Fol. 682 *et seq*.

*dwar il-Professjoni tal-Inġiniera (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) ma kinux jirrestrinġu l-aċċes għal jew l-eżerċitar tal-professjoni ta' inġinier…"*

Konsiderazzjonijiet.

30. Ordni ta' Qorti jorbot biss lill-persuni li huma parti. Dan huwa prinċipju kardinali li jiggarantixxi li qabel persuna tiġi milquta b'sentenza jew ordni ta' Qorti, hija tingħata smigħ.

31. Il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1430/2020 inħareġ biss kontra l-Bord u l-membri individwali tiegħu. Il-Ministru konvenut ma kienx parti fih.

32. L-artikolu 2 tal-Kap. 321 jipprovdi hekk:

*""Bord" tfisser Bord tal-Inġiniera mwaqqaf skont l-artikolu 6;*

*…*

*"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal xogħlijiet u, sal-limitu ta' funzjonijiet delegati lilu mill-Ministru, tinkludi l-Bord;"*

33. Isegwi minn dan illi, filwaqt li t-terminu "Ministru" jista' jinkludi wkoll lill-Bord (u dan biss safejn il-Bord ikun ġie delegat funzjonijiet mill-Ministru), it-terminu "Bord" jirreferi limitatament għall-Bord kif kompost skont l-artikolu 6 tal-Kap. 321 (ċitat aktar 'l fuq), ossija l-Bord kif kompost mic-*chairman* u l-Membri. Il-Ministru ma jaqax fid-definizzjoni ta' "Bord".

34. F'kull każ, *dato ma non concesso* li fejn issir delega ministerjali l-kliem "Ministru" u "Bord" huma ekwivalenti, kif allegat mill-attur *nomine*, minn imkien ma jirriżulta li l-Ministru għamel xi delega tal-poteri tiegħu lill-Bord.

35. Mill-provi jirriżulta biss li l-Ministeru ħadem id f'id mal-Bord, iġifieri saret konsultazzjoni volontarja (non-mandatorja) mal-Bord, u kif ukoll mal-kamra tal-Inġiniera sabiex saru l-emendi meħtieġa li mbagħad għaddew ukoll għall-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea billi din tal-aħħar riedet taċċerta ruħha li Malta tottempora ruħha mad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

36. L-argument illi fl-aħħar mill-aħħar li l-Istat huwa wieħed ma jreġix lanqas. Il-Bord huwa maħluq u regolat mil-liġi u l-funzjoni tiegħu hi differenti minn dik tal-Ministru. Tant hu hekk li l-liġi stess tipprovdi meta l-Ministru għandu jew jista' jikkonsulta mal-Bord.

37. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li l-Ministru konvenut ma kienx milqut mill-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni.

38. Dan iwassal għall-argument l-ieħor li għamel l-attur *nomine* fis-sens illi *"41…. Malta, tramite l-Parlament, kisret għal kollox l-obbligi*

*mposti fuqha mill-istess Unjoni Ewropea u mid-direttivi tagħha li jimponu l-obbligu ta' konsultazzjoni".*

39. L-obbligu li għalih jirreferi l-attur *nomine* huwa dak mid-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet li fl-<u>artikolu 8</u> tagħha tipprovdi illi:

> ***"Informazzjoni u involviment tal-partijiet ikkonċernati***
>
> *1. L-Istati Membri għandhom, b'mezzi xierqa, jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għaċ-ċittadini, għar-riċevituri ta' servizz u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inklużi dawk li mhumiex membri tal-professjoni kkonċernata, qabel ma jintroduċu dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, jew jemendaw dawk eżistenti, li jirrestrinġu l-aċċess għal, jew l-eżerċitar ta', professjonijiet regolati.*
>
> *2. L-Istati Membri għandhom jinvolvu kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati kollha u għandhom jagħtuhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Meta jkun rilevanti u xieraq, l-Istati Membri għandhom iwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi b'konformità mal-proċeduri nazzjonali tagħhom."*

40. L-istess saret parti mil-liġi Maltija taħt l-Att dwar Test tal-Proprozjonalità Qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet (Kap. 612) li fl-artikolu 7 jipprovdi hekk:

> *"7.(1) Il-Ministeru responsabbli għall-professjoni regolata għandu, b'mezzi xierqa, <u>jagħmel l-informazzjoni disponibbli</u> għaċ-ċittadini, għar-riċevituri ta' servizz u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inklużi dawk li mhumiex membri tal-professjoni kkonċernata, qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, jew jiġu emendati dawk eżistenti, li jirrestrinġu l-aċċess għal, jew l-eżerċitar ta', professjonijiet regolati.*
>
> *(2) Il-Ministeru responsabbli għall-professjoni regolata għandu jinvolvi kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati kollha <u>u għandu jagħtihom l-opportunità</u>*

*<u>li jesprimu l-fehmiet tagħhom</u> qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, jew jiġu emendati dawk eżistenti, li jirrestrinġu l-aċċess għal, jew l-eżerċitar ta', professjonijiet regolati. Meta jkun rilevanti u xieraq, l-imsemmi Ministeru għandu jwettaq konsultazzjonijiet pubbliċi u għandu jagħti minimu ta' tliet (3) ġimgħat mill-bidu tal-konsultazzjoni pubblika sabiex il-pubbliku jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu."*

41. F'dan ir-rigward fl-ewwel lok issir referenza għall-fatt illi l-kwistjoni dwar l-allegat nuqqas ta' aderenza mal-Att XXV tal-2020 hija l-mertu tal-kawża ċivili 1091/2020MH ippreżentata in segwitu għall-Mandat ta' Inibizzjoni 1430/2020. Fiha l-attur *nomine inter alia* talab lill-Qorti:

*"Tiddikjara li li-konvenuti jew min minnhom, naqsu bi ksur lampanti milli jadixxu ruħhom mal-Att Nru: XXV tal-2020 li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Mejju, 2020 liema leġislazzjoni implementat retroattivament "id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [UE] 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju, 2018 dwar it-test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet", partikolarment l-Artikolu 7 subinċiż (1) iżda mhux limitatament fil-konfront tal-Union esponenti [MAPE];"*

42. L-istess talba tressqet mill-attur *nomine* ukoll fil-kawża <u>52/2021MS</u> li ġiet ippreżentata kontra: [1] Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [2] L-Av Dr Noel Camilleri *qua Chairperson* tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija; [3] Inġ. Brian Micallef; [4] Inġ. Samuel Bonanno; [5] Inġ. Fabio Stivala; [6] Dr. Inġ. Fabri Simon; [7] Inġ. Schembri Robert; [8] Inġ. Keith Chetcuti.

43. L-Att XXV tal-2020 daħal fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2020 (A. L. 256 tal-2020), ossija l-aħħar jum mogħti mid-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-

proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet sabiex l-istess tiġi trasposta fil-liġijiet nazzjonali. Kuntrarjament għal dak allegat mill-attur *nomine*, minn imkien ma jirriżulta li l-Att kellu effett retroattiv.

44. Fit-tweġiba tal-appell tiegħu, l-Ispeaker konvenut argumenta illi din id-dispożizzjoni ma kinitx tapplika għall-emendi li saru. Dan għaliex l-imsemmi artikolu jeħtieġ li ssir konsultazzjoni f'każ ta' liġi jew emendi li jirrestrinġu l-aċċess għal jew l-eżerċitar ta' professjonijiet regolati. Jargumenta li l-Att XLVIII tal-2021 fetaħ l-aċċess għal jew l-eżerċitar tal-professjoni tal-inġiniera, mhux irrestrinġiha. Jgħid iżda li f' każ li hemm dubju dwar hekk għandha ssir referenza fir-rigward lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

45. Fl-introduzzjoni tad-direttiva 2018/958 jingħad *inter alia*:-

> *"9……….. Provisions which do not restrict access to, or the pursuit of, regulated professions, including editorial amendments, technical adaptations to the content of training courses or the modernisation of training regulations, should not fall within the scope of this Directive*".

46. Għal dak li hu test ta' proporzjonalità, f'paragrafu 3 jingħad:-

> *"The principle of proportionality is one of the general principles of Union law. It follows from case-law that national measures liable to hinder, or to make less attractive, the exercise of fundamental freedoms guaranteed by the TFEU should fulfil four conditions, namely, they should: be applied in a non-discriminatory manner; be justified by public interest objectives; be suitable for securing the attainment of the*

> *objective which they pursue; and not go beyond what is necessary in order to attain that objective"*.

47. L-ilment tal-Assoċjazzjoni (MAPE) b'referenza għall-abbozz kien li x-xogħol li jagħmel inġinier ser ikun ukoll għall-individwi stabbiliti f'Malta u barra, li fil-fehma tagħha jista' ma jkollhomx il-kwalifiki u l-esperjenza. Ilmenti oħra kienu li l-abbozz jipprovdi għall-għoti ta' *warrants* u liċenzji speċjali mingħajr ma jissemmew kriterji, kif ukoll l-introduzzjoni ta' persuna legali. F'affidavit[75] l-Inġinier Ciantar ilmenta li l-emendi jagħtu lok ta' aċċess għall-professjoni lill-persuni li mhux neċessarjament għandhom il-kwalifiki meħtieġa, flimkien ma' miżuri oħra li jagħmlu ħsara lill-professjoni u lill-poplu għaliex ibaxxu l-*istandards* mistennija li wieħed jilħaq sabiex isir inġinier.

48. Il-Qorti tosserva li minn qari tal-liġi emendata, il-kriterji għall-għoti ta' *warrant* ma jirriżultax li nbidlu. Il-liġi hi ċara li l-inġinier irid ikollu *warrant*, b'dan li l-liġi kienet diġà tipprovdi li persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor tkun tista' tipprattika l-professjoni ta' inġinier f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali diment li jissodisfa ċertu kundizzjonijiet. Veru li żdiedu l-kliem li f'dawk il-każijiet ma jkollux bżonn isegwi l-proċedura biex jikseb *warrant*, però qabel ma kienx hemm disposizzjoni espressa li dik il-persuna jkollha bżonn *warrant* maħruġa f'Malta. Anzi il-liġi kienet tipprovdi li dik il-persuna hi meqjusa bħala detentur ta' *warrant*

---

[75] Fol. 11.

kif definita fil-Kap. 612. Kliem li żgur mhux jirrestrinġi l-eżerċizzju tal-professjoni f'Malta. Fir-rigward tal-persuna legali li ġiet introdotta bl-Att impunjat, din bidlet il-kunċett ta' 'soċjetà ta' inġinieri' li kien hemm qabel daħal fis-seħħ l-Att XLVIII tal-2021. Emenda li kompliet iżżid l-aċċessibilità għall-professjoni billi fetħet is-suq għall-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea u b'hekk is-servizz ta' inġinerija mhuwiex limitat għall-kumpaniji reġistrati f'Malta. Il-kunċett ta' 'persuna legali' jinsab ukoll fis-*Services Directive* (2006/123). Tibdil ieħor kien fit-tifsira tal-kelma Inġinier. Qabel daħal fis-seħħ l-att in kwistjoni, il-kelma 'Inġinier' kienet tfisser persuna li kisbet grad fl-inġinerija mill-Università ta' Malta jew minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti. Bl-emendi, il-kelma 'Inġinier' saret tfisser *'kull persuna li kisbet warrant skont l-artikolu 4 tal-Att'*. Emenda li kien hemm bżonnha, għaliex il-liġi kienet diġà tipprovdi li għall-għoti ta' *warrant* ta' inġinier kien hemm bżonn *inter alia* li l-persuna tissodisfa lill-Bord li għandha *"(i)….. dak il-grad tal-Universita' ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar professjoni tal-inġinerija…"* (l-artikolu 3(2)(d)(i) tal-Kap. 321).

49. Dak li dwaru lmentat l-Assoċjazzjoni ma wasslux biex jirrestrinġu l-aċċess għall-professjoni tal-inġinerija f'Malta iżda pjuttost għamluha iktar aċċessibbli. Joseph Caruana, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ikkonferma li l-eżerċizzju li sar kien sabiex *"…. Niġu in line ma' Service Directive u l-Mutual*

*Qualification Directive, Professional Qualifications Directive, jiġifieri bażikament dak huwa l-brief li jiena kelli"*[76] (ara wkoll deposizzjoni ta' Christopher Cutajar li kien għamel żmien jokkupa l-istess kariga, fol. 180).

50. Il-Kummissjoni Ewropea kienet bdiet proċeduri ta' ksur kontra Malta u pajjiżi oħra (IP/15/5199) minħabba li r-regoli nazzjonali tagħhom kienu jinkludu ostakoli eċċessivi u inġustifikati fil-qasam tas-servizzi professjonali. Dan wara li l-Kummissjoni Ewropea kienet ikkunsidrat li l-ħtiġijiet imposti fuq dawk li joffru ċerti servizzi fi Stati Membri kienu jmorru kontra s-*Services Directive*. Il-libertà li tipprovdi servizz hi waħda mill-pedamenti tas-*single market*, u l-għan tal-Kummissjoni kien li jitneħħew il-*barriers* f'numru ta' Stati Membri li ma jippermettux lill-kumpaniji u individwi milli jipprovdu s-servizzi tagħhom b'mod liberu fl-Unjoni Ewropea, u dan per eżempju fejn jidħlu kwalifiki għall-professjonijiet, *shareholding* u tariffi fissi. L-għan wara suq wieħed għas-servizzi professjonali kien proprju sabiex l-ekonomija Ewropea tkun iktar kompetittiva, u dan għall-benefiċċju ta' kulħadd. Ix-xhud Joseph Caruana kkonferma wkoll li f'Diċembru 2020 kienu rċevew tweġiba mill-Kummissjoni li kienu aċċettaw l-emendi proposti u mexxew l-abbozz li eventwalment għadda mill-Kamra tar-Rappreżentanti.[77]

[76] Fol. 177.
[77] Fol. 177.

51. L-Inġinier Ciantar stess, li f'din il-kawża qiegħed jidher fl-interess tal-Assoċjazzjoni MAPE, fil-kontro-eżami xehed:

> *"Dr Fiorella Fenech Vella: Pero qed tgħid illi allura mhux talli dan l-abbozz kien qed jirrestrinġi, iżda kien qed jżid l-aċċess għall-eżerċitar tal-professjoni naqblu?*
>
> *Xhud: Hemm il-periklu kif inhuma l-affarijiet illum, illi l-bord jista' joħroġ special licences in-nies barranin li mhux neċessarjament nafu min huma u minn fejn jiġu, bħalissa ġejjin ħafna mill-Indja sinjur, hawn diversi li jaħdmu ta' tatekniċi u f' każ wieħed li naf jien bih imma m'għandhiex dokument ta' inġinier ...*
>
> *…*
>
> *Xhud: Infetħu diversi loopholes sinjur, huma perikolużi għall-professjoni li bniedem jista' jgħaddi biex jeżerċita l-professjoni hawn Malta u mhux qed nirreferi għal tal-MCAST qed nirreferi għall-barranin u ħa qed nirreferi biex inkun preċiż miegħu, third country nationals …*
>
> *Dr. Fiorella Fenech Vella: Xorta ma weġibnix li staqsejtu … qed il-liġi kif inhi qed tirrestrinġi jew tiftaħ iżjed l-aċċess għall-professjoni allura fil-verita?*
>
> *Xhud: Qed iżżid l-aċċess għall-professjoni għan-nies li jistgħu ma jkunux kwalifikati dik hi …"*[78]

52. Hu għalhekk ċar li l-ilment tal-Assoċjazzjoni mhuwiex minħabba li l-emendi rrestrinġew l-aċċess għal dik il-professjoni iżda minħabba li qalet li żdied l-aċċess. Irrispettivament saritx jew le konsultazzjoni kif trid il-liġi,[79] li żżid l-aċċess għall-professjoni ma jaqax taħt l-art. 7 tal-Kap. 612. F'dak ir-rigward ma japplikax it-test tal-proporzjonalità li jissemma fl-Att Dwar Test tal-Proprozjonalità Qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet (Kap. 612).

---

[78] Fol. 434 – 435.
[79] Il-Ministru ta' dak iż-żmien xehed li l-attur *nomine* naqas milli jattendi għall-istadju tal-Kumitat meta kien qiegħed jiġi diskuss l-abbozz fil-Kamra tar-Rappreżentanti (ara fol. 187 *et seq*).

53. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tal-attur *nomine* hu mingħajr bażi.

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:**

1. **Tiċħad l-appell tal-attur *nomine* u tikkonferma s-sentenza appellata.**

2. **L-ispejjeż tal-appell huma a karigu tal-attur *nomine*.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
am